

— tikkonstata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea u tikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkumpensa lir-rikorreni tad-danni kollha subiti minħabba d-deċiżjoni kkontestata u l-ħatra ta' espert biex jevalwa d-dannu;

— tikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha.

Motivi u argomentu prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorreni huma identiċi għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-170/10, CTG Luxembourg PSF vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (¹), li tirrigwarda l-istess sejħa għal offerti.

⁽¹⁾ ĠU 2010, C 161, p. 48.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2010 — Hartmann vs UASI — Mölnlycke Health Care (MESILETTE)

(Kawża T-342/10)

(2010/C 288/92)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Paul Hartmann AG (Heidenheim, il-Ġermanja)
(rappreżentant: N. Aicher, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mölnlycke Health Care AB (Göteborg, l-Isvezja)

Talbiet tar-rikorreni

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni), tal-20 ta' Mejju 2010, fil-Każ R 1222/2009-2, u;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argomentu prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark verbali "MESILETTE", għal prodotti fil-klassi 5 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6494025

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorreni

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark verbali "MEDINETTE" rreġistrata fil-Ġermanja taħt in-numru 1033551 għal prodotti fil-klassi 25; trade mark internazzjonali "MEDINETTE" irreġistrata taħt in-numru 486204 għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell evalwa b'mod żbaljat il-probabbiltà ta' konfużjoni, b'mod partikolari, tax-xebh tas-sinjali.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2010 — Etimine u Etiproducs vs ECHA

(Kawża T-343/10)

(2010/C 288/93)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Etimine SA (Bettembourg, il-Lussemburgu) u Ab Etiproducs Oy (Espoo, il-Finlandja), (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)